DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1752

tal-1 ta' Ottubru 2021

li tistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/904 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kalkolu, tal-verifika u tar-rapportar tad-*data* dwar il-ġbir separat tal-iskart ta' fliexken tax-xorb tal-plastik li jintużaw darba biss

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2019/904 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 9(3) u 13(4) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva (UE) 2019/904 tistabbilixxi miri għall-ġbir separat għar-riċiklaġġ tal-iskart ta' fliexken tax-xorb tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti F tal-Anness ta' dik id-Direttiva ("skart ta' fliexken li jintużaw darba biss"). Skont l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva (UE) 2019/904, il-mira għall-2025 hija 77 % skont il-piż ta' dawn il-fliexken kollha li jintużaw darba biss li jitqiegħdu fis-suq u l-mira għall-2029 hija 90 %. Jeħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu u għall-verifika ta' dawk il-miri ta' ġbir separat u l-format li fih l-Istati Membri jridu jirrapportaw id-*data* dwar l-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss li jkun nġabar separatament kull sena.

(2) Biex tiġi żgurata l-komparabbiltà tad-*data*, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dettaljati għad-determinazzjoni tal-punti fejn jitkejjel il-piż tal-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss miġbur. Jenħtieġ li dawk ir-regoli jqisu l-prattiki tal-ġbir separat eżistenti u l-ammont ta' materjali u sustanzi oħra preżenti fl-iskart miġbur flimkien ma' dawn il-fliexken.

(3) Sabiex tiġi żgurata l-komparabbiltà tad-*data* li trid tiġi rrapportata, huwa meħtieġ li jiġu pprovduti regoli dettaljati dwar kif iridu jiġu applikati ż-żewġ metodi alternattivi, imsemmija fl-Artikolu 9(1) tad-Direttiva (UE) 2019/904, għad-determinazzjoni tal-ammont ta' dawn il-fliexken li jintużaw darba biss imqiegħed fis-suq.

(4) Sabiex tiġi żgurata l-akkuratezza tad-*data* dwar il-piż tal-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss miġbur, jenħtieġ li l-format tar-rapportar jiżgura li l-parametri kollha rilevanti għall-kalkolu tal-ammont tal-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss miġbur separatament jiġu identifikati u li tiġi pprovduta deskrizzjoni tal-metodoloġiji applikati għall-kalkolu u għall-verifika tad-*data* għal dawk il-parametri.

(5) Filwaqt li l-obbligu ta' ġbir separat ta' skart jirrikjedi li l-iskart jinżamm separat skont it-tip u n-natura, jenħtieġ li jkun possibbli li jingħabru ċerti tipi ta' skart flimkien sakemm dan ma jimpedixxix riċiklaġġ ta' kwalità għolja f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart skont l-Artikolu 10(2) u l-punt (a) tal-Artikolu 10(3) tad-Direttiva 2008/98/KE.

(6) Il-metodoloġija għall-kalkolu u għall-verifika tal-miri tal-ġbir separat għall-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss imsemmija fl-Artikolu 9(3) tad-Direttiva (UE) 2019/904 hija marbuta mill-qrib mal-format għar-rapportar dwar it-tali ġbir separat imsemmi fl-Artikolu 13(4) ta' dik id-Direttiva fid-dawl tas-suġġett ta' dawk il-miżuri u l-kuntest li fih iridu japplikaw. Għalhekk jixraq li jiġi adottat dan l-att abbażi ta' dawk iż-żewġ dispożizzjonijiet sabiex tiġi żgurata koerenza bejn ir-regoli dwar il-kalkolu, il-verifika u r-rapportar dwar il-ġbir separat tal-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss u jiġi ffaċilitat l-aċċess għal dawk ir-regoli.

(7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 39 tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]),

([1]) ĠU L 155, 12.6.2019, p. 1.

([2]) Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Metodoloġija għall-kalkolu u għar-rapportar tal-ammont ta' skart ta' fliexken li jintużaw darba biss miġbur separatament

1. L-ammont ta' skart ta' fliexken tax-xorb tal-plastik li jintużaw darba biss miġbur separatament elenkat fil-Parti F tal-Anness tad-Direttiva (UE) 2019/904 ("skart ta' fliexken li jintużaw darba biss") għandu jiġi kkalkulat billi jiġi diviż il-piż tal-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss miġbur separatament bil-piż ta' dawk il-fliexken li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq ("fliexken li jintużaw darba biss mqiegħda fis-suq"). Il-proporzjon li jirriżulta għandu jiġi espress f'perċentwali.

2. L-Istati Membri għandhom japplikaw il-formuli stabbiliti fl-Anness I biex jikkalkulaw l-ammont ta' skart ta' fliexken li jintużaw darba miġbur separatament.

Artikolu 2

Metodoloġija għad-determinazzjoni tal-piż ta' skart ta' fliexken li jintużaw darba biss miġbur separatament

1. Il-piż tal-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss għandu jinkludi l-piż tat-tappijiet u l-għotjien tagħhom.

2. Il-piż tal-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss ma għandux jinkludi l-piż ta' kwalunkwe xarba li jifdal.

3. Il-piż tal-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss jista' jinkludi l-piż tat-tikketti u tal-adeżivi biss jekk ikun inkluż ukoll fil-piż tal-fliexken li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq.

4. Il-piż tal-fliexken li jintużaw darba biss għandu jitqies bħala miġbur separatament meta tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss ikun inġabar separatament għar-riċiklaġġ minn kwalunkwe skart ieħor;

(b) l-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss ikun inġabar flimkien ma' skart ieħor ta' frazzjonijiet ta' imballaġġ ta' skart muniċipali jew ma' frazzjonijiet tal-plastik, tal-metall, tal-karta jew tal-ħġieġ li mhumiex imballaġġ ta' skart muniċipali miġbur separatament għar-riċiklaġġ, u

   (i) is-sistema ta' ġbir ma tiġborx l-iskart li x'aktarx ikun fih sustanzi perikoluż;

   (ii) il-ġbir tal-iskart u s-separazzjoni sussegwenti jkunu mfassla u mwettqa biex jimminimizzaw il-kontaminazzjoni tal-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss miġbur mill-iskart tal-plastik li ma joriġinax minn tali fliexken u skart ieħor;

   (iii) l-operaturi tal-iskart jistabbilixxu sistemi ta' assigurazzjoni tal-kwalità sabiex jivverifikaw li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (i) u (ii) ikunu ssodisfati.

5. Is-sistemi ta' assigurazzjoni tal-kwalità msemmijin fil-paragrafu 4, il-punt (b)(iii) għandhom:

(a) iqisu l-adegwatezza tal-persunal, l-għarfien u l-ħiliet tagħhom, u l-organizzazzjoni tal-bini u tat-tagħmir sa fejn ikun meħtieġ biex jiġi żgurat li l-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss miġbur jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 4, il-punt (b)(i) u (ii);

(b) iwettqu l-operazzjonijiet ta' verifika skont l-istruzzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti minn qabel;

(c) jiġu ċċertifikati minn parti terza indipendenti.

6. Il-piż tal-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss li jinġabar separatament skont il-paragrafu 4, il-punt (a), għandu jitkejjel fil-punt fejn jinġabar jew fl-output tal-operazzjonijiet ta' separazzjoni. Il-piż ta' dan l-iskart tal-fliexken jista' jiġi kkalkulat billi jingħaddu l-fliexken sakemm jiġu applikati fatturi ta' konverżjoni li jqisu l-piż ta' kull daqs tal-fliexken, it-tip ta' polimeru tal-fliexken u l-għotjien u t-tappijiet kif ukoll it-telf fl-operazzjonijiet ta' separazzjoni sussegwenti.

7. Il-piż tal-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss miġbur separatament skont il-paragrafu 4, il-punt (b), għandu jitkejjel fl-output tal-operazzjonijiet ta' separazzjoni fejn jiġu separati mill-iskart l-ieħor li miegħu jkunu nġabru.

8. Fejn l-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss u skart ta' imballaġġ ieħor tal-istess polimeru jkunu preżenti fl-output ta' operazzjoni ta' separazzjoni, il-piż tal-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss għandu jkun proporzjonali għas-sehem tal-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss fl-input ta' operazzjoni ta' separazzjoni. Dak is-sehem għandu jiġi ddeterminat abbażi ta' kampjunar rappreżentattiv u analiżi tal-kompożizzjoni sussegwenti jew bl-użu ta' reġistri elettroniċi.

Artikolu 3

Metodoloġija għad-determinazzjoni tal-piż tal-fliexken li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq

1. Il-piż tal-fliexken li jintużaw darba biss mqiegħda fis-suq għandu jinkludi biss il-piż ta' tali fliexken li tqiegħdu fis-suq wara li jkunu mtlew bix-xorb.

2. Il-piż tal-fliexken li jintużaw darba biss mqiegħda fis-suq jista', fejn ikun hemm importazzjonijiet, esportazzjonijiet jew movimenti oħra sinifikanti fl-Unjoni ta' tali fliexken minn operaturi jew minn persuni fiżiċi għall-użu personali tagħhom, jiġi aġġustat sabiex iqis it-tali movimenti.

3. F'każijiet fejn l-Istati Membri jiddeterminaw il-piż tal-fliexken li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq abbażi tal-piż tal-iskart iġġenerat minn tali prodotti kif imsemmi fl-Artikolu 9(1), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva (UE) 2019/904, il-piż ta' dak l-iskart għandu jinkludi dan li ġej:

(a) l-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss miġbur separatament, irrispettivament minn jekk jissodisfax jew le r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 2(4), il-punti (a) u (b);

(b) l-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss miġbur bħala skart muniċipali mħallat;

(c) l-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss mormi bħala żibel barra mis-sistemi tal-ġbir tal-iskart, irrispettivament minn jekk ikunx inġabar sussegwentement.

Il-piż tal-fliexken imsemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punti (b) u (c), għandu jiġi kkalkulat billi tiġi applikata l-metodoloġija tal-kampjunar u l-analiżi tal-kompożizzjoni tal-iskart stabbiliti fl-Artikolu 4.

Artikolu 4

Metodoloġija tal-kampjunar u analiżi tal-kompożizzjoni tal-iskart biex jiġi kkalkulat il-piż tal-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss miġbur bħala skart muniċipali mħallat jew mormi bħala żibel

1. Il-ġbir ta' *data* għall-analiżi tal-kompożizzjoni tal-iskart għandu jkun ibbażat fuq stħarriġ u ġbir ta' kampjuni rappreżentattivi. Dan il-ġbir ta' *data* għandu jqis:

(a) il-varjazzjonijiet staġonali tal-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss mormi bħala żibel barra mis-sistemi tal-ġbir tal-iskart;

(b) il-varjazzjonijiet fil-livelli ta' urbanizzazzjoni;

(c) il-varjazzjonijiet fil-frekwenza, fit-tipi u fil-post tal-ġbir tal-iskart muniċipali.

2. Il-ġbir ta' *data* u l-analiżi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikopru t-territorju kollu ta' Stat Membru partikolari.

Artikolu 5

Ġbir u rapportar ta' data

1. Il-ġbir ta' *data* għall-kalkolu tal-piż tal-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss u tal-fliexken li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq skont l-Artikolu 2 u l-Artikolu 3 għandu jsir kull sena. Sa fejn ikun possibbli, l-Istati Membri għandhom jużaw reġistri elettroniċi biex jiġbru u jirrapportaw id-*data*.

2. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw id-*data* msemmija fl-Artikolu 13(1), il-punt (c) tad-Direttiva (UE) 2019/904 fil-format stabbilit fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni u jissottomettu r-rapport ta' verifika tal-kwalità msemmi fl-Artikolu 13(2) ta' dik id-Direttiva fir-rigward ta' dik id-*data* fil-format stabbilit fl-Anness III ta' din id-Deċiżjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tippubblika d-*data* rrapportata mill-Istati Membri sakemm Stat Membru ma jipprovdix talba ġustifikata fir-rapport imsemmi fil-paragrafu 2 biex ma tiġix ippubblikata ċerta *data*.

Artikolu 6

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Ottubru 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

FORMULI GĦALL-KALKOLU TAL-AMMONT TAL-ISKART TA' FLIEXKEN LI JINTUŻAW DARBA BISS MIĠBUR SEPARATAMENT

$$A_{SCB} = (W_{SCB\ apart} + W_{SCB\ blended})/(W_{BPM} + W_{EWG}) \times 100\ \%$$

Fejn:

A_{SCB} tfisser l-ammont ta' skart ta' fliexken li jintużaw darba biss miġbur separatament għar-riċiklaġġ kif imsemmi fl-Artikolu 1

$W_{SCB\ apart}$ tfisser il-piż tal-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss miġbur separatament għar-riċiklaġġ minn kwalunkwe skart ieħor skont l-Artikolu 2(4), il-punt (a)

$W_{SCB\ blended}$ tfisser il-piż tal-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss miġbur separatament għar-riċiklaġġ flimkien ma' skart ieħor skont l-Artikolu 2(4), il-punt (b)

W_{BPM} tfisser il-piż tal-fliexken li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq kif imsemmi fl-Artikolu 3(1) u (2)

W_{EWG} tfisser il-piż tal-fliexken li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq u ddeterminat abbażi tal-piż tal-iskart iġġenerat mit-tali prodotti kif imsemmi fl-Artikolu 3(3)

$$W_{BPM} = W_{BPM\ gross} - W_{B\ out} + W_{B\ in}$$

$W_{BPM\ gross}$ tfisser il-piż tal-fliexken li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)

$W_{B\ out}$ tfisser il-piż tal-fliexken li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq li jkunu ġew esportati jew trasferiti lejn Stati Membri oħra minn operaturi jew minn persuni fiżiċi għall-użu personali tagħhom kif imsemmi fl-Artikolu 3(2)

$W_{B\ in}$ tfisser il-piż tal-fliexken li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq li jkunu ġew importati jew riċevuti minn Stati Membri oħra minn operaturi jew minn persuni fiżiċi għall-użu personali tagħhom kif imsemmi fl-Artikolu 3(2)

$$W_{B\ out} = W_{B\ out\ moved\ to\ other\ MS} + W_{B\ out\ exp} + W_{B\ out\ moved\ to\ other\ MS\ by\ natural\ persons} + W_{B\ out\ by\ natural\ persons}$$

$W_{B\ out\ moved\ to\ other\ MS}$ tfisser il-piż tal-fliexken li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq li jkunu ġew trasferiti lejn Stati Membri oħra minn operaturi

$W_{B\ out\ exp}$ tfisser il-piż tal-fliexken li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq li jkunu ġew esportati minn operaturi

$W_{B\ out\ moved\ to\ other\ MS\ by\ natural\ persons}$ tfisser il-piż stmat tal-fliexken li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq li jkunu ġew trasferiti lejn Stat Membru ieħor minn persuni fiżiċi għall-użu personali tagħhom

$W_{B\ out\ by\ natural\ persons}$ tfisser il-piż stmat tal-fliexken li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq li jkunu ġew esportati minn persuni fiżiċi għall-użu personali tagħhom

$$W_{B\ in} = W_{B\ in\ from\ other\ MS} + W_{B\ in\ imported} + W_{B\ in\ moved\ from\ other\ MS\ by\ natural\ persons} + W_{B\ in\ by\ natural\ persons}$$

$W_{B\ in\ from\ other\ MS}$ tfisser il-piż tal-fliexken li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq li jkunu ġew riċevuti minn Stati Membri oħra minn operaturi

$W_{B\ in\ imported}$ tfisser il-piż tal-fliexken li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq li jkunu ġew importati minn operaturi

$W_{B\ in\ moved\ from\ other\ MS\ by\ natural\ persons}$ tfisser il-piż stmat tal-fliexken li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq li jkunu ġew trasferiti minn Stat Membru ieħor minn persuni fiżiċi għall-użu personali tagħhom

$W_{B\ in\ by\ natural\ persons}$ tfisser il-piż stmat tal-fliexken li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq li jkunu ġew importati minn persuni fiżiċi għall-użu personali tagħhom

$$W_{EWG} = TW_{SCB} + W_{other\ SCB} + W_{MSW} + W_{litter}$$

TW_{SCB} tfisser il-piż tal-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss miġbur separatament għar-riċiklaġġ skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 2(4), il-punti (a) u (b) kif imsemmi fl-Artikolu 3(3), il-punt (a)

$W_{other\ SCB}$ tfisser il-piż tal-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss miġbur separatament għar-riċiklaġġ mhux skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 2(4), il-punti (a) u (b) kif imsemmi fl-Artikolu 3(3), il-punt (a)

W_{MSW} tfisser il-piż tal-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss miġbur bħala skart muniċipali mħallat kif imsemmi fl-Artikolu 3(3), il-punt (b)

W_{litter} tfisser il-piż tal-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss mormi kif imsemmi fl-Artikolu 3(3), il-punt (c).

ANNESS II

FORMAT GĦAR-RAPPORTAR TAD-*DATA*

I. **Format għar-rapportar tad-*data* kkalkulata abbażi tal-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 3**

Tabella 1

Piż tal-fliexken li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq ikkalkulat skont l-Artikolu 3 (f'tunnellati)

PAJJIŻ:	
SENA TA' REFERENZA:	
Piż tal-fliexken li jintużaw darba biss f'tunnellati kkalkulat skont l-Artikolu 3(1)	
Piż tal-fliexken li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq ([1])	
Aġġustament tal-piż tal-fliexken li jintużaw darba biss ikkalkulat skont l-Artikolu 3(2)	
Piż tal-fliexken li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq li jkunu ġew importati minn operaturi ([2])	
Piż tal-fliexken li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq li jkunu ġew riċevuti minn Stati Membri oħra minn operaturi ([3])	
Piż tal-fliexken li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq li jkunu ġew esportati minn operaturi ([4])	
Piż tal-fliexken li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq li jkunu ġew trasferiti lejn Stati Membri oħra minn operaturi ([5])	
Piż stmat tal-fliexken li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq li jkunu ġew esportati minn persuni fiżiċi għall-użu personali tagħhom ([6])	
Piż stmat tal-fliexken li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq li jkunu ġew importati minn persuni fiżiċi għall-użu personali tagħhom ([7])	
Piż stmat tal-fliexken li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq li jkunu ġew trasferiti minn Stat Membru ieħor minn persuni fiżiċi għall-użu personali tagħhom ([8])	
Piż stmat tal-fliexken li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq li jkunu ġew trasferiti minn Stat Membru ieħor minn persuni fiżiċi għall-użu personali tagħhom ([9])	
Piż tal-fliexken li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq aġġustat ([10])	
Piż tal-fliexken li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq iddeterminat abbażi tal-piż ta' skart iġġenerat mit-tali prodotti kkalkulat skont l-Artikolu 3(3)	

Piż tal-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss miġbur separatament għar-riċiklaġġ skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 2(4)(a) u (b) ([11])	
Piż tal-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss miġbur separatament mhux skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 2(4)(a) u (b) ([12])	
Piż tal-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss miġbur bħala skart muniċipali mħallat ([13])	
Piż tal-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss mormi ([14])	

Noti:
Kaxxi bi sfumatura skura: Ir-rapportar huwa volontarju
([1]) Ikkalkulat skont l-Artikolu 3(1). ($W_{BPM\ gross}$)
([2]) Ikkalkulat skont l-Artikolu 3(2). ($W_{B\ in\ imported}$)
([3]) Ikkalkulat skont l-Artikolu 3(2). ($W_{B\ in\ from\ other\ MS}$)
([4]) Ikkalkulat skont l-Artikolu 3(2). ($W_{B\ out\ exp}$)
([5]) Ikkalkulat skont l-Artikolu 3(2). ($W_{B\ out\ moved\ to\ other\ MS}$)
([6]) Ikkalkulat skont l-Artikolu 3(2). ($W_{B\ out\ by\ natural\ persons}$)
([7]) Ikkalkulat skont l-Artikolu 3(2). ($W_{B\ in\ by\ natural\ persons}$)
([8]) Ikkalkulat skont l-Artikolu 3(2). ($W_{B\ out\ moved\ to\ other\ MS\ by\ natural\ persons}$)
([9]) Ikkalkulat skont l-Artikolu 3(2). ($W_{B\ in\ moved\ from\ other\ MS\ by\ natural\ persons}$)
([10]) Ikkalkulat skont l-Artikolu 3(2). (W_{BPM})
([11]) Ikkalkulat skont l-Artikolu 3(3), il-punt (a). (TW_{SCB})
([12]) Ikkalkulat skont l-Artikolu 3(3), il-punt (a). ($W_{other\ SCB}$)
([13]) Ikkalkulat skont l-Artikolu 3(3), il-punt (b). (W_{MSW})
([14]) Ikkalkulat skont l-Artikolu 3(3), il-punt (c). (W_{litter})

II. **Format għar-rapportar tad-*data* kkalkulata abbażi tal-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 2(4)**

Tabella 2

Piż tal-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss miġbur separatament għar-riċiklaġġ ikkalkulat skont l-Artikolu 2(4) (f'tunnellati)

PAJJIŻ:	
SENA TA' REFERENZA:	
(a) Piż tal-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss miġbur separatament minn kwalunkwe skart ieħor ([1])	
(b) Piż tal-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss miġbur flimkien ma' skart ieħor ([2])	

Noti:
([1]) Ikkalkulat skont l-Artikolu 2(4), il-punt (a). ($W_{SCB\ apart}$)
([2]) Miġbur flimkien ma' skart ieħor ta' frazzjonijiet ta' imballaġġ ta' skart muniċipali jew ma' frazzjonijiet tal-plastik, tal-metall, tal-karta jew tal-ħġieġ li mhumiex imballaġġ u li mhumiex perikoluż ta' skart muniċipali miġbur separatament għar-riċiklaġġ u kkalkulat skont l-Artikolu 2(4), il-punt (b). ($W_{SCB\ blended}$)

ANNESS III

FORMAT GĦAR-RAPPORT TA' VERIFIKA TAL-KWALITÀ

I. **Informazzjoni ġenerali**

1.1. Stat Membru:	
1.2. Organizzazzjoni li qed tibgħat id-*data* u d-deskrizzjoni:	
1.3. Isem il-kuntatt:	
1.4. Indirizz tal-posta elettronika tal-kuntatt:	
1.5. Numru tat-telefon tal-kuntatt:	
1.6. Sena ta' referenza:	
1.7. Data tal-konsenja/verżjoni:	
1.8. Link għall-pubblikazzjoni tad-*data* mill-Istat Membru (jekk hemm):	

II. **Deskrizzjoni tal-istituzzjonijiet involuti fil-ġbir tad-*data***

Isem l-istituzzjoni	Deskrizzjoni tar-responsabbiltajiet ewlenin

Żid ir-ringieli skont kif meħtieġ

III. **Deskrizzjoni tal-metodi użati**

3.1. **Fliexken li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq (l-Anness II, it-Tabella 1)**

3.1.1. *Deskrizzjoni tal-metodoloġija għall-istħarriġ u l-analiżi tal-kompożizzjoni*

Fejn il-piż tal-fliexken li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq jiġi ddeterminat abbażi tal-piż tal-iskart iġġenerat mit-tali prodotti, deskrizzjoni tal-metodoloġija użata għall-kampjunar u għall-analiżi tal-kompożizzjoni tal-iskart imsemmija fl-Artikolu 4.

	Metodoloġija użata	Varjazzjonijiet meqjusa
Skart ta' fliexken li jintużaw darba biss miġbur bħala skart muniċipali mħallat		
Skart ta' fliexken li jintużaw darba biss mormija bħala żibel		

3.1.2. *Deskrizzjoni ta' kwalunkwe inkonsistenza sinifikanti bejn il-piż tal-fliexken li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq u l-piż tal-iskart mill-imballaġġ iġġenerat jew kwalunkwe kwistjoni relatata oħra*

Fejn xieraq, deskrizzjoni tal-miżuri korrettivi ppjanati jew meħuda.

Żid ir-ringieli skont kif meħtieġ

3.2. **Informazzjoni dwar l-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss miġbur separatament (l-Anness II, it-Tabella 2)**

3.2.1. *Deskrizzjoni tal-metodi u tas-sorsi għad-determinazzjoni tal-piż tal-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss miġbur separatament*

Spjega l-prattiki li jitqiesu għall-kalkolu tas-sehem ta' skart ta' fliexken li jintużaw darba biss miġbur separatament, u l-metodi biex jiġi ddeterminat li l-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss miġbur flimkien ma' skart ieħor huwa ta' kwalità komparabbli mal-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss miġbur separatament minn kwalunkwe skart ieħor. Inkludi d-dokumentazzjoni tas-sistemi ta' assigurazzjoni tal-kwalità u tal-verifika minn parti terza li huma stabbiliti mill-operaturi tal-iskart biex jivverifikaw li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(4)(b), il-punti (i) u (ii) huma ssodisfati.

Żid ir-ringieli skont kif meħtieġ

IV. **Sistema għall-verifika u għall-kontroll tad-*data***

4.1. **Verifika tad-*data* dwar l-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss miġbur separatament**

Proċeduri ta' verifika u ta' kontroll	Applikati għad-*data* dwar					Kummenti addizzjonali, jekk rilevanti
	Fliexken li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq (iva/le)	Skart ta' fliexken li jintużaw darba biss (iva/le)	Skart ta' fliexken li jintużaw darba biss miġbur separatament minn skart ieħor kif imsemmi fl-Artikolu 2(4), il-punt (a) (iva/le)	Skart ta' fliexken li jintużaw darba biss miġbur flimkien ma' skart ieħor kif imsemmi fl-Artikolu 2(4), il-punt (b) (iva/le)	Aġġustament biex jitqiesu materjali oħra maqbuda mill-ġbir separat, li mhumiex parti mill-fliexken li jintużaw darba biss [1] (iva/le)	
Verifiki tal-kompletezza tad-*data*						
Kontroverifiki						
Verifiki tas-serje kronoloġika						
Verifiki tal-awditi						
Oħrajn (speċifika)						

[1] Tikketti, adeżivi, residwi ta' xorb li kien fil-fliexken u kwalunkwe materjal ieħor li mhuwiex parti mill-flixkun li jintuża darba biss jew mit-tappijiet u mill-għotjien tiegħu

4.2. **Deskrizzjoni tal-fatturi ewlenin li jaffettwaw l-akkuratezza tad-*data* rrapportata dwar l-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss, il-fliexken li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq u/jew l-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss miġbur separatament**

Fatturi potenzjali li jaffettwaw l-affidabbiltà tad-*data*	Fatturi			Deskrizzjoni ta' kif l-akkuratezza tad-*data* hija affettwata u liema metodoloġiji ġew applikati biex jiġi minimizzat l-impatt ta' *data* mhux preċiża
	Fliexken li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq (iva/le)	Skart ta' fliexken li jintużaw darba biss (iva/le)	Skart ta' fliexken li jintużaw darba biss miġbur separatament (iva/le)	
Erruri tal-kampjunar ([1]) (eż. koeffiċjenti tal-varjazzjoni)				
Erruri tal-kopertura ([2]) (eż. regoli *de minimis*, kopertura reġjonali)				
Erruri tal-kejl ([3]) (eż. unità tal-kejl, materjal li mhuwiex parti minn flixkun vojt li jintuża darba biss inkluż it-tappijiet u l-għotjien tiegħu)				
Strumenti tat-test għall-ġbir tad-*data* ([4]) (eż. ittestjar tal-kwestjonarji)				
Erruri tal-ipproċessar ([5]) (eż. identifikazzjoni tal-erruri, korrezzjoni tal-erruri)				
Erruri marbuta ma' nuqqas ta' tweġib ([6])				
Erruri fl-għażla tal-mudell ([7])				
Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika)				

([1]) Iddeskrivi l-koeffiċjenti stmati tal-varjazzjoni u l-metodoloġiji applikati għall-istima tal-varjanza.
([2]) Iddeskrivi t-tip u d-daqs tal-erruri tal-kopertura.
([3]) Iddeskrivi l-istrumenti biex jitnaqqsu r-riskji potenzjali u jiġu evitati l-erruri.
([4]) Iddeskrivi l-istrumenti u l-metodoloġiji applikati biex jiġu żgurati l-kwalità u l-istrumenti rilevanti għall-ġbir tad-*data*.
([5]) Iddeskrivi l-passi tal-ipproċessar bejn il-ġbir tad-*data* u l-produzzjoni tal-istatistika u elenka kwalunkwe errur tal-ipproċessar identifikat u l-firxa tiegħu.
([6]) Iddeskrivi r-rati ta' nuqqas ta' tweġib għall-unitajiet u għall-punti għall-varjabbli ewlenin u l-metodi ta' imputazzjoni (jekk hemm).
([7]) Iddeskrivi t-tip u d-daqs tal-erruri fl-għażla tal-mudell.

4.3. **Spjegazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni u tal-validità tal-istħarriġ biex tingħabar *data* dwar l-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss, il-fliexken li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq u/jew l-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss miġbur separatament**

Żid ir-ringieli skont kif meħtieġ

4.4. **Differenzi fid-*data* rrapportata għas-snin ta' referenza preċedenti**

Bidliet metodoloġiċi sinifikanti fil-metodu tal-kalkolu użat għas-sena ta' referenza attwali meta mqabbel mal-metodu tal-kalkolu użat għas-snin ta' referenza preċedenti, jekk hemm (b'mod partikolari r-reviżjonijiet retrospettivi, in-natura tagħhom u jekk għandux jiġi sinjalat waqfien fis-serje għal sena speċifika).

Żid ir-ringieli skont kif meħtieġ

4.5. **Spjegazzjoni għad-differenza fit-tunnellaġġ**

Fejn id-*data* rrapportata turi varjazzjoni akbar minn 10 % fir-rigward tad-*data* sottomessa għas-sena ta' referenza preċedenti.

Raġuni għad-differenza jew il-kawża sottostanti għad-differenzi fil-piż tal-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss, il-fliexken li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq u/jew l-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss miġbur separatament.

Skart ta' fliexken li jintużaw darba biss, fliexken li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq u/jew skart ta' fliexken li jintużaw darba biss miġbur separatament	Varjazzjoni (%)	Raġuni ewlenija għall-varjazzjoni

Żid ir-ringieli skont kif meħtieġ

V. **Kunfidenzjalità**

Ġustifikazzjoni għat-talba biex ma tiġix ippubblikata ċerta *data* f'dan ir-rapport, flimkien ma' lista tal-partijiet speċifiċi li għalihom saret talba li ma jidhrux.

VI. **Siti web, dokumenti ta' referenza u pubblikazzjonijiet nazzjonali ewlenin**

Isem u url tas-siti, dokumenti ta' referenza u pubblikazzjonijiet ewlenin relatati ma' dan il-ġbir ta' *data*.

Żid ir-ringieli skont kif meħtieġ